# Dħul ta' Malta fix-Schengen

fl-ewropa f'pajjiżi

**Diċembru 2007**



FORUM
MALTA FL-EWROPA

Ministeru għall-Gustizzja u l-Intern

# Mira mitħuqa wara impenn

## Issa Malta u Ewropa mingħajr fruntieri - Kisba oħra storika importanti għal Malta

minn Tonio Borg
il-Viċi Prim Ministru
u l-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern



Fil-ħajja ħafna drabi jseħħu ċirkustanzi li bl-aktar mod naturali jgħallmuk u juruk li xejn ma jiġri u jseħħ b'kumbinazzjoni. Tilħaq miri u objettivi għax tkun ħdimt u stinkajt għalihom. Timxi 'l quddiem għax tkun għamilt il-parti tiegħek, wettaqt is-sagrifiċċji u finalment tasal fejn tkun tixtieq.

Pajjiżna minn dawn l-esperjenzi dinamiċi għandu bil-bosta.

Biżżejjed nillimita lili nnifsi għall-istorja riċenti ta' gżiritna, il-kisba ta' l-Indipendenza fl-1964 u d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004 huma biss żewġ eżempji li juru dan. Xhieda ta' kemm il-poplu Malti u Għawdxi ma jiddejjaq xejn jiffaċċja l-isfidi u jibdilhom f'opportunitajiet.

Għax pajjiżna qiegħed jissokta jimxi 'l quddiem, minn dawn l-isfidi se jkollna aktar. Tnejn minnhom qed immissuhom b'idejna proprju f'dawn il-jiem. Iva , mill- 1 ta'Jannar pajjiżna mhux biss daħal fiż-żona Ewro, imma ukoll fiż-żona Schengen. Dawn huma żewġ kisbiet mill-aktar importanti.

X'jiġifieri Malta fiż-żona Schengen? Malta fiż-żona Schengen tfisser li peress li aħna, kuntrarjament għall-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, m'għandniex fruntieri ta' l-art, issa tfisser li se nneħħu l-kontroll tal-fruntieri bejn pajjiżna u l-Italja (il-pajjiż li miegħu għandna l-iktar kuntatt marittimu bil-passiġġieri).

Din is-sħubija fiż-żona Schengen tfisser ukoll li mill-aħħar ta' Marzu 2008 kull min isiefer bl-ajru minn Malta lejn pajjiż ieħor li qiegħed fis-sistema Schengen, jidħol fil-pajjiż lejn fejn isiefer bla kontroll fuq il-fruntiera.



Żona Schengen

Żona ġdida Schengen (wara s-sħubija ta l-2007)

Is-sistema tixbaħ ħafna, ngħidu aħna, dak li jiġri meta tidħol fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Jiċċekkjaw sew hekk kif tidħol l-ewwel darba fl-Istati Uniti, u mbagħad għandek libertà sħiħa li tmur minn stat għall-ieħor fl-Amerika bla kontroll ta' xejn.

Bla dubju ta' xejn li dan il-pass li qed nagħmlu f'dawn il-ġranet u l-ġimgħat li ġejjin se jagħmel lil pajjiżna aktar pajjiż Ewropew. Bħal Franza, l-Italja u l-Ġermanja se nkunu kemm fl-Ewro kif ukoll fix-Schengen. Żewġ miżuri ta' tifsira kbira meta wieħed jikkunsidra ċ-ċokon ta' pajjiżna.

Din is-sħubija fiż-żona Schengen toffri prinċipalment żewġ benefiċċji importanti. L-ewwel li kull Malti u Maltija se jkun jista' jiċċirkola fiż-żona Schengen bla xkiel u bla kontrolli fuq il-fruntieri.

Għalih jew għaliha mhux se jkun hemm fruntieri.

It-tieni vantaġġ importanti hu li s-sistema tagħmel it-turiżmu lejn pajjiżna mill-pajjiżi tax-Schengen ħafna eħfef. Dan għax mhux biss it-turist se jiġi bl-istess munita ta' l-ewro, imma wkoll se jiġi Malta qisu mar minn belt għall-oħra f'pajjiżu stess.

Importanti li wieħed jifhem li minħabba li se jitneħħew il-fruntieri interni, se jissaħħu l-fruntieri esterni billi l-pajjiżi kollha fix-Schengen huma marbuta flimkien b'sistema ta' informazzjoni fuq persuni u oġġetti biex ħadd ma jabbuża mis-sistema. Din is-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen diġà qed taħdem u Malta, ġiet aċċettata wara li għaddiet mill-verifiki kollha.

Bid-dħul ta' pajjiżna fis-sistema Schengen se nuru li Malta taf tilqa' l-isfidi li jiġu quddiemha u hekk inkomplu nibdlu dawn l-isfidi f'opportunitajiet għaqlin għall-poplu Malti u Għawdxi u għal pajjiżna.

# Aktar drittijiet għall-Maltin

minn Michael Frendo
Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin



Id-dħul ta' Malta fiż-Żona Schengen fil-21 ta' Diċembru hu jum storiku. Mhux biss saħħaħna l-integrazzjoni politika u ekonomika ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, imma f'anqas minn erba' snin, il-Maltin kollha kisbu dritt ieħor bħala ċittadini Ewropej – id-dritt li jkollhom libertà sħiħa ta' moviment fiż-żona Schengen.

Sa mill-ħolqien ta' l-Unjoni Ewropea, pilastru ewlieni taghha kien il-moviment ħieles ta' persuni. Biex iċ-ċittadini Ewropej ikollhom l-opportunità li jgħixu, jaħdmu, jiftħu n-negozji tagħhom u jistudjaw f'kull pajjiż membru ta'l-Unjoni.

Dan id-dritt għal-moviment ħieles issaħħaħ permezz tal-Ftehim ta' Schengen fl-1985 u sussegwentement bil-Konvenzjoni ta' Schengen fl-1995. Tneħħew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni u ġew armonizzati dawk fuq il-fruntieri esterni. Iddaħlet politika komuni dwar il-visa u tnidiet kooperazzjoni akbar bejn il-Korpi tal-Pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-pajjizi membri taz-żona Schengen.

Il-libertà tal-moviment mhix importanti biss għas-suq intern ta' l-Unjoni Ewropea, tagħti wkoll sinjal qawwi favur id-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem li l-Ewropa tal-lum hi mibnija fuqhom. Barra minhekk, għal Malta, is-sħubija fiz-żona Schengen flimkien ma' l-introduzzjoni tal-Ewro, tkompli tagħti spinta lit-turiżmu f'pajjiżna.

Mill-2003, ix-Schengen Implentation Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kien responsabbli għat-tħejjijiet intensivi fil-qasam tal-politika dwar il-visa. Kien dawn li wasslu biex Malta tidħol fiż-Żona Schengen. Dawn il-preparamenti kienu jinkludu it-tħaddim tal-proċeduri għall-ħruġ tal-visas fil-Konsulati Maltin barra minn Malta kif ukoll it-twaqqif tac-Central Visa Unit għat-tmexxija ta' dan il-proċess. Saru wkoll arranġamenti konsulari ma' l-Italja, l-Awstrija u Spanja biex jgħinu fil-ħruġ tal-visa f'numru kbir ta' pajjiżi.

Id-dinja veru qed dejjem tiċkien. U l-Ewropa qed tiċkien iktar. Is-sħubija ta' Malta fix-Schengen hija pass iehor 'il quddiem fl-Unjoni. L-Ewropa m'ghadiex il-kontinent tagħna. Saret pajjiżna.



# L-impatt tad-dħul tax-Schengen fuq il-Maltin

**X'inhu x-Schengen?**

Il-Ftehim tax-Schengen, li jipprovdi għat-tneħħija tal-fruntieri interni, għar-regoli komuni marbuta mal-fruntieri esterni kif ukoll għar-regoli marbuta mal-viża u l-kooperazzjoni bejn il-pulizija, oriġinarjament ġie ffirmat fl-14 ta' Ġunju 1985 minn ħames stati, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanda, fuq il-vapur 'Princesse Marie-Astrid' fuq ix-Xmara Moselle, ħdejn Schengen, belt żgħira fil-Lussemburgu li tmiss ma' Franza min-naħa tal-punent u mal-Ġermanja min-naħa tal-Lvant. Wieħed jista' jimmaġina x'problemi kien ikollhom iċ-ċittadini ta' din il-belt ċkejkna speċjalment dawk li prattikament kuljum riedu jaqsmu għal xi pajjiż ġirien. Fosthom iċċekkjar tal-passaport kull darba li jaqsmu l-fruntiera u bdil ta' flus f'muniti tal-pajjiż l-ieħor…

Fl-1990 intlaħaq ftehim dwar Konvenzjoni bil-għan li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. L-ewwel stati li effettivament bdew jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tax-Schengen fis-26 ta' Marzu 1995 kienu l-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u Spanja.

Malta daħlet fiż-żona Schengen, li issa b'kollox tgħodd 24 stat, fil-21 ta' Diċembru 2007. Riżultat tad-dħul ta' Malta fiż-żona Schengen, il-Maltin kisbu drittijiet u benefiċċji ġodda.

**Xi jfisser ix-Schengen għaċ-ċittadini Maltin?**

Mill-21 ta' Diċembru 2007 mhux qed isiru aktar kontrolli tal-fruntiera f'kaz ta' vjaġġi bil-baħar lejn stati oħra tax-Schengen. Minkejja dan, għal raġunijiet ta' sigurta', xorta tibqa' l-ħtieġa li ċ-ċittadini Maltin ikollhom Karta ta' l-Identità valida jew Passaport validu meta jkunu qed jivvjaġġaw fiż-żona Schengen.

Dan se jkun japplika wkoll għall-ivvjaġġar bl-ajru mill-aħħar ta' Marzu 2008.

Iċ-ċittadini Maltin li jidħlu fiż-żona Schengen minn pajjiż terz ikunu soġġetti għal kontroll minimu fuq il-fruntiera bil-għan li tiġi verifikata l-identità tagħhom abbażi tad-dokument tagħhom ta' l-ivvjaġġar (Karta ta' l-Identità jew Passaport).

Id-dħul ta' Malta fiż-żona Schengen għalhekk jiffaċilita l-ivvjaġġar, speċjalment meta wieħed iqis ukoll li Malta adottat l-Ewro fl-1 ta' Jannar 2008. Dawn l-inizjattivi se jgħinu liċ-ċittadini Maltin minħabba li jkunu jistgħu jivvjaġġaw lejn il-Portugall, Spanja, Franza, l-Olanda, il-Belġju, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Italja, il-Finlandja, il-Greċja u s-Slovenja mhux biss mingħajr ma jgħaddu mill-kontrolli, iżda wkoll mingħajr ma jkollhom bżonn isarrfu l-flus.



**Ix-Schengen tagħti xi drittijiet lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini Maltin?**

Id-dħul ta' Malta fix-Schengen jiffaċilita wkoll l-ivvjaġġar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini Maltin.

Ċittadin ta' pajjiż terz li huwa membru tal-familja ta' ċittadin Maltin, iżda li m'għandux dokument ta' residenza maħruġ minn Malta jew minn Stat Membru ieħor ta' l-UE, ikollu bżonn viża (jekk hu jew hi huma ta' nazzjonalità li tirrikjedi viża) biex jidħol fiż-żona Schengen, inkluż f'Malta, minn pajjiż terz.

La darba jkollhom dokument ta' residenza maħruġ minn Malta jew minn xi Stat Membru ta' l-UE ikun possibbli iżda biex ċittadin ta' pajjiż terz li huwa membru tal-familja ta' ċittadin Malti jidħol fiż-żona Schengen (inkluż f'Malta) mingħajr ħtieġa ta' viża.

L-istess bħal ċittadini Maltin, ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini Maltin mhumiex soġġetti għal kontrolli tal-fruntiera meta jivjaġġaw lejn xi stat ieħor tax-Schengen bil-baħar. Minkejja dan, xorta tibqa' l-ħtieġa li ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini Maltin ikollhom Passaport u d-dokument ta' residenza maħruġ mill-awtoritajiet Maltin jew minn xi Stat Membru ieħor ta' l-UE.

Dan se japplika wkoll għall-ivvjaġġar bl-ajru mill-aħħar ta' Marzu 2008.

**Se jsiru xi tibdiliet fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fil-Port Marittimu bil-għan li jiġu implimentati l-ħtiġijiet tax-Schengen?**

It-tibdiliet infrastrutturali meħtieġa fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fil-Port Marittimu bi tħejjija għad-dħul fiż-żona Schengen diġà saru u ġew ikkonfermati mill-Kummissjoni Ewropea li huma tal-livell neċessarju skond il-kriterji stabbiliti mix-Schengen acquis.

Il-passiġġieri li jkunu fiż-żoni tal-wasliet u t-tluq fil-Port Marittimu diġà qed jiġu mifruda skond jekk humiex ġejjin minn jew sejrin lejn port fiż-żona Schengen jew le.

La darba jitneħħew il-fruntieri interni fil-każ ta' vjaġġar bl-ajru f'Marzu ta' l-2008 iż-żoni tat-Tluq u tal-Wasliet fl-ajruport se jkunu maqsuma f'żoni 'Schengen' u 'Mhux tax-Schengen'.

**X'implikazzjonijiet għandha s-sħubija tax-Schengen fuq is-sigurtà nazzjonali?**

Ix-Schengen acquis jistabbilixxi Regoli Komuni għat-tmexxija tal-Fruntieri Esterni. Il-kontrolli li jsiru fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni jinkludu verifika li l-persuna konċernata mhix reġistrata fis-Sistema ta' Informazzjoni tax-Schengen (SIS), li hi sistema ta' skambju ta' informazzjoni ta' l-IT mqabbda bejn il-forzi tal-Pulizija ta' l-istati li qed jipparteċipaw fis-sistema. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li s-Sistema ta' Informazzjoni tax-Schengen (SIS) għandha, fost affarijiet oħra, lista ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom inħarġet twissija minn Stat li qed jipparteċipa fis-sistema, minħabba twettiq ta' xi reat kriminali jew reat ieħor u li għalhekk m'għandux jitħalla jidħol fiż-żona Schengen.

Ix-Schengen acquis fih ukoll regoli komuni marbuta mal-ħruġ tal-viża. Il-ħtieġa tal-viża fir-rigward ta' ċerti ċittadini minn pajjiżi terzi hi maħsuba li ttejjeb is-sigurtà billi tagħti lok għal spezzjoni minn qabel fuq dawk in-nies li jippruvaw jidħlu fiż-żona Schengen.

Filwaqt li jtejjeb is-sigurtà x-Schengen acquis jiffaċilita wkoll l-ivjaġġar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fiż-żona Schengen permezz tal-Viża tax-Schengen. Viża tax-Schengen maħruġa minn kwalunkwe stat tax-Schengen hi valida għal żjajjar ta' massimu ta' tliet xhur f'perjodu ta' sitt xhur fiż-żona kollha tax-Schengen. Dawn it-tip ta' viżaż normalment jinħarġu f'rappreżentazzjonijiet diplomatiċi barra ż-żona tax-Schengen, għalhekk qabel ma d-detentur prospettiv jidħol u jibda jdur fiż-żona Schengen. Din il-miżura tassigura li jkun hemm livelli għolja ta' sigurtà.

F'każ ta' theddida serja għas-sigurta` pubblika, Malta, bħal kull stat ieħor tax-Schengen, se jkollha l-possibbilta` li tintroduċi mill-ġdid temporanjament l-ispezzjonijiet fuq il-fruntieri interni.

Minħabba dawn is-salvagwardji, mhux maħsub li s-sħubija fiż-żona tax-Schengen ikollha xi implikazzjonijiet negattivi fuq is-sigurta` nazzjonali, għall-kuntrarju, l-proċeduri ta' kontroll fuq il-fruntieri fuq il-passiġġieri li qed jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen minn pajjiżi terzi u l-aċċess għall-informazzjoni fis-Sistema ta' Informazzjoni tax-Schengen (SIS) jgħinu biex ikun hemm aktar sigurta` fuq il-fruntieri.

Dan joħroġ ċar mill-fatt li, l-awtoritajiet Maltin kellhom jgħaddu minn serje ta' evalwazzjonijiet tekniċi qabel ma Malta setgħet tissieħeb fiż-żona Schengen, fosthom waħda dwar kooperazzjoni internazzjonali li l-Pulizija Maltija għandha mal-Korpi l-oħra tal-pajjiżi membri fix-Schengen.

Timijiet tekniċi magħmula minn rappreżentanti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri żaru Malta u l-konsli ta' Malta f'pajjiżi terzi bil-għan li jevalwaw il-kapaċità ta' Malta b'rabta ma':

- l-Protezzjoni tad-Data;
- L-Immaniġġjar tal-Fruntieri Esterni;
- Il-Kooperazzjoni bejn il-Pulizija;
- L-Implimentazzjoni u t-tmexxija tas-Sistema ta' Informazzjoni tax-Schengen (SIS);
- It-twaqqif u t-tmexxija ta' l-uffiċċju fi ħdan il-Pulizija li jintuża' bħala punt ċentrali għal skambju ta' informazzjoni (SIRENE); u,
- Il-Ħruġ ta' Viżaż fil-Konsli f'pajjiżi terzi.

Malta ngħatat il-permess li tissieħeb fiż-żona Schengen biss wara li tlestew is-sett ta' evalwazzjonijiet instab li kellha kapaċitajiet adegwati għal dawn l-oqsma kollha.

NOTA: *Dan mhux dokument legali u mhux intiż li jipprovdi parir legali, iżda hu fuljett maħsub biex jagħti informazzjoni ġenerali b'rabta mad-dħul ta' Malta fiż-żona Schengen.*